# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 3 ta’ Gunju 2002

## Avviz numru : 37/2002GT(GM)

**George u Maria Casha**

**vs**

**Joseph u Lucy Attard**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**“Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas is-somma ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800), dovuta skond l-iskrittura iffirmata bejnietkom fis-7 ta’ April 1997.**

**Bl-interessi fuq din is-somma mis-7 ta’ April 1997 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez inkluz tal-ittra tat-12 ta’ Marzu 2002.”**

**Ra r-risposta:**

1. **Illi t-talba attrici ghall-hlas ta’ tmien mitt lira maltin (Lm800) hija ngustifikata u hija naxxenti minn kawza mhux gusta u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.**

2. **Illi mhuwa dovut ebda hlas lill-atturi talli l-eccipjenti qatta’ blat fil-proprjeta’ tieghu stess hlief ghal xi hsara li talvolta tigi ppruvata li giet ikkawzata fil-proprjeta’ tal-atturi konsegwenza jew rizultat tal-iskavazzjoni li saret mill-konvenut;**

3. **Illi f’kaz li jirrizulta li t-talba tal-atturi li jitolbu lill-eccipjenti l-hlas ta’ tmien mitt liri maltin (Lm800) hija gustifikata, il-hlas huwa soggett ghall-kundizzjoni li qabel jithallas minn kollox il-kuntrattur responsabbli mill-kostruzzjoni tal-bini kollu, u wara li l-bini kollu jkun tlesta a soddisfazzjon tal-eccipjenti, dwar liema kostruzzjoni ghad hemm kwistjonijiet pendenti mal-kuntrattur minhabba li tfaccaw xi difetti strutturali li jiggustifikaw lill-eccipjenti jissospendi l-hlasijiet tieghu lill-**

**kuntrattur u ghaldaqstant l-atturi m'ghandhom ebda jedd li jesegwixxu l-hlas tal-pretensjoni taghhom qabel ma jkun thallas ghal kollox il-kuntrattur;**

4. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.**

**Sema' x-xhieda u fela d-dokumenti esibiti.**

**U billi t-talba attrici tinstab sodisfacentement ippruvata;**

**Jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm800 dovuta skond l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet tas-7 ta' April 1997, b'dan illi l-interessi legali jiddekorru mid-data tallum sad-data tal-hlas effettiv; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-12 ta' Marzu 2002 kif ukoll tal-avukati li ppatrocinaw il-partijiet f'din il-kawza kollha a kariku tal-konvenuti.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**